## In-Nawfraġju ta' San Pawl u l-kura tal-morda u l-anzjani



"F'dawk l-inħawi kien hemm l-oqsma tal-prinċep tal-gżira, li kien jismu Publju. Dan laqagħna u bil-qalb kollha żammna għandu tlitt ijiem. Missier Publju inzerta mixħut, marid bid-deni u d-disenterija. Pawlu daħal ħdejh, għamel talba, qiegħed idejh fuqu u fejqu. Wara dan imbagħad bdew ukoll jersqu għandu l-morda l-oħra tal-gżira, u hu fejjaqhom." (Atti 28,7-9)

- F'din is-Sena Pawlina, il-ġrajja storika tan-Nawfraġju ta' San Pawl għandha tferraħna bħala poplu Nisrani, u tħeġġiġna biex ngħixu b'aktar konvinzjoni l-fidi tagħna.
- L-istedina li saritilna mill-missjunarji waqt iż-żjajjar fil-familji, jiġifieri biex nitheġġu għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla u nieħdu sehem fl-Ewkaristija tal-Ħadd, tieħu tifsira speċjali meta norbtuha mal-miġja ta' San Pawl fostna: hu xandrilna l-Kelma u wasslilna lil Kristu, il-Kelma li saret laħam.
- Kif insibu fl-Atti, u kif nitolbu fil-Kolletta tal-quddiesa tal-festa tan-Nawfraġju, San Pawl ma qagħadx jippriedka biss!, imma permezz tal-fejqan ta' ħafna morda wettaq ministeru ta' kura tal-morda. Dan jurina li sa mill-bidu nett, il-preżenza tal-Knisja f'pajjiżna kienet immarkata bil-kura ta' min hu marid.
- Bħala Knisja u bħala Nsara għandu jkollna sensibilita' u attenzjoni speċjali lejn il-morda u l-anzjani, kemm ta' dawk rikoverati fl-isptar jew fid-Djar tal-Anzjani, imma wkoll ta' dawk fid-djar tal-parroċċi tagħna.

*Dun Giovanni Curmi*

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

***It-Tlieta 10 ta' Frar:*** Solennita' tan-Nawfraġju ta' San Pawl (Pontifikal Djoċesan fil-Parroċċa tal-Munxar 6.00p.m.)
***L-Erbgħa 11 ta' Frar:*** Is-16-il Jum Dinji tal-Morda.
***Il-Ħamis 12 ta' Frar:*** Laqgħa tal-Kunsilli tal-Iskejjel tal-Knisja (Dar Manresa - 5.00p.m.)
***Il-Ġimgħa 13 ta' Frar:*** "Id-Dinjita' tal-Pazjent" Talk għall-istaff mediku u paramediku minn Fr Emmanuel Agius fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tal-Morda u l-Anzjani (Sptar Ġenerali ta' Għawdex).
Is-Sibt 14 ta' Frar: Laqgħa għas-saċerdoti dwar it-tielet mument tal-Missjoni Djoċesana (Dar Manresa 9.00a.m.)
***Il-Ħadd 15 ta' Frar:*** Quddiesa għall-anzjani u talb għall-morda fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina, bis-sehem tal-operaturi pastorali sanitarji u NGO's li jaħdmu mal-morda u l-Anzjani. (Parroċċa Munxar 9.00a.m.)




### "FUQ IL-PASSI TA' PAWLU"

***Ktieb ġdid dwar San Pawl għat-Tfal.***

*Ktieb b'ħafna logħob u attivitajiet, li jgħinu lit-tfal isiru jafu aħjar lil San Pawl, Missierna fil-fidi. Jinkiseb mil-Lumen Christi Media Centre Bookshop.*


## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu, kompli għaddi mit-triqat tagħna biex tkompli ssemmgħalna l-kelma tiegħek, u tagħtina l-fejqan spiritwali.*

gozopress • 21551534


Djoċesi ta' Għawdex



# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina 2008 - 2009

Il-5 Ħadd Matul is-Sena • Sena B • L-40 Sena (2080) • 8 ta' Frar 2009


Ġesu u d-dixxipli harġu mis-sinagoga u baqa' sejjer ma' Ġakbu u Ġwanni għand Xmun u Indrì. Issa omm il-mara ta' Xmun kienet fis-sodda bid-deni, u malajr qalulu biha. Resaq lejha, qabadha minn idha u qajjimha. U d-deni ħallieha, u bdiet isservihom. Fil-għaxija, mbagħad, fi nżul ix-xemx, ħadulu quddiemu lil dawk kollha li kienu morda jew li kienu maħkuma mix-xitan. U quddiem il-bieb inġabret il-belt bi ħġarha. U fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard, u ħareġ għadd kbir ta' xjaten li hu ma kienx iħallihom jitkellmu, għax huma kienu jafu min kien.
L-għada fil-għodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, ħareġ u mar f'post imwarrab u qagħad hemm jitlob. Xmun u sħabu l-oħrajn marru jfittxuh. Kif sabuh, qalulu: "Kulħadd jistaqsi għalik." U qalilhom: "Ejjew immorru band'oħra, fl-irħula tal-qrib, ħalli nippriedka hemmhekk ukoll, għax għalhekk ħriġt." U dar il-Galilija kollha, jippriedka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ ix-xjaten. (Mk 1, 29-39)

**RIFLESSJONI**

- Lil Ġesu' insibuh ħafna drabi jgħallem lill-kotra u anke jfejjaq lil dawk li kienu jinġabru madwaru.
- Huwa kien iħoll l-irbit tal-bniedem mill-mard tiegħu u anke jħoll l-irbit tal-bniedem mill-ħakma tal-ħażen.
- Imma Ġesu kien jagħti wkoll attenzjoni partikulari lil xi persuni, li jkun irid jagħżel galih.
- Jiena nħobb nisma' lil Ġesu' jitkellem ? Nistaqsi fejn hemm it-tagħlim dwar Ġesu ?
- X'tip ta' fejqan nitlob lil Ġesu' ?



*fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard*